# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 12**

**Rikors numru 332/2013/1 AF**

***West End Limited* (C-52101)**

***v.***

***Philip Pace and Sons Limited* (C-13308)**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ġunju 2017 illi ċaħdet it-talba tal-attriċi biex tikkundanna lill-konvenuta troddilha dak li ħallset akkont tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa li l-attriċi tgħid illi kellha difett redibitorju, u, minflok, laqgħet konto-talba tal-konvenuta u ikkundannat lill-attriċi tħallas il-bilanċ tal-prezz.

2. Fl-20 ta' Marzu 2013 l-attriċi kienet xtrat mingħand il-konvenuta żewġt ifran tal-pizza bl-aċċessorji tagħhom u ħallsitha tlittax-il elf euro (€13,000)

akkont tal-preżż. L-attriċi iżda tgħid illi dawn il-fran għandhom difetti li ma jidhrux li jagħmluhom mhux tajba għall-użu li għalih huma maħsuba jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħhom illi l-attriċi ma kinitx tixtrilhom jew kienet toffri prezz iżgħar li kieku kienet taf b'dawn id-difetti. Billi għalxejn sejħet lill-konvenuta biex tersaq għar-rexissjoni tal-bejgħ u biex troddilha dak li ħallset akkont, l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti, wara li (i) tgħid illi l-ifran għandhom difett redibitorju, (ii) tikkundanna lill-konvenuta troddilha s-somma ta' tlittax-il elf euro (€13,000) minnha mħallsa akkont tal-prezz. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax.

3. Il-konvenuta wieġbet illi lfran ma kellhom ebda difett, u illi kienet l-attriċi li kienet qiegħda tinqeda bihom ħażin. B'rikonvenzjoni l-konvenuta talbet lill-qorti tikkundanna lill-attriċi tħallas tlittax-il elf, mitejn u ħamsa u sebgħin euro u sitt ċenteżmi (€13,275.06) bilanċ tal-prezz, flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż.

4. L-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

> »… … … tiċħad it-talbiet attriċi, tiddeċiedi l-kontro-talba billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà konvenuta u tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas lis-soċjetà konvenuta s-somma ta' tlettax-il elf, mitejn u ħamsa u sebgħin euro u sitt ċenteżmi (€13,275.06) bl-imgħax mill-1 ta' Marzu 2013. Spejjeż tal-kawża ewlenija kif ukoll tal-kontrotalba jitħallsu mis-soċjetà attriċi.«

5. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> »Ikkunsidrat illi l-azzjoni attriċi hija dik magħrufa bħala l-*actio redhibitoria* stabbilita permezz tal-artikoli 1424 sa 1427 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 1424 jipprovdi li l-bejjiegħ hu obbligat li jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux fil-ħaġa mibjugħa u li jagħmluha mhux tajjeb għall-użu li għalih kienet maħsuba jew inaqqsu daqshekk il-valur tagħha li x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf b'tali difetti.

»F'tali każ, kif jiddisponi l-artikolu 1427, ix-xerrej jista', permezz tal-*actio redhibitoria*, jagħżel li jagħti lura l-ħaġa u jitlob lill-qorti tikkundanna lill-bejjiegħ jirrifondi lura l-prezz li huwa jkun ħallas għall-ħaġa mibjugħa. Ir-rekwiżiti sabiex tirnexxi din l-azzjoni huma (i) li l-vizzju jkun okkult fil-mument tal-bejgħ b'tali mod li x-xerrej ma setax jinduna bih; (ii) li n-natura tal-vizzju riskontrat ikun tali li tnaqqas il-valur tal-oġġett mibjugħ jew li jirrendih mhux tajjeb għall-użu li għalih kien maħsub.

»Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi kienet tiġġestixxi *restaurant* bl-isem ta' *West-End*. Qabel ma beda jopera dan ir-*restaurant*, Anthony Briffa għan-nom tas-soċjetà attriċi xtara mingħand is-soċjetà konvenuta żewġt ifran tal-pizza tat-tip *tunnel stone oven* tad-ditta taljana *Italforni* u aċċessorji oħra. Dan wara li Anthony Pace għan-nom tas-soċjetà konvenuta kien ħa lil Briffa ġewwa żewġ stabbilimenti separati li kienu jużaw dan it-tip ta' forn sabiex jurih kif jaħdem.

»Ftit wara li bdew jintużaw dawn l-ifran fl-istabbiliment tas-soċjetà attriċi, Anthony Briffa beda jilmenta ma' Anthony Pace li dawn ma kinux qegħdin jaħdmu kif suppost in kwantu li l-pizza li kienu qegħdin isajru fihom l-impjegati tiegħu kienet qiegħda toħroġ jew għadha nejja jew maħruqa u ġieli wkoll l-istess pizza kienet tkun nejja minn naħa u maħruqa minn naħa oħra. Minkejja diversi interventi da parti ta' Anthony Pace u saħansitra wkoll wara li ġie minn barra konsulent tad-ditta *Italforni*, il-problema baqgħet tippersisti. Dan kollu wassal sabiex dawn l-ifran spiċċaw ġew sostitwiti bi fran ġodda a spejjeż tas-soċjetà attriċi. Mill-prezz globali ta' €26,275.06 l-attriċi ħallset biss €13,000, liema ammont qiegħda titlob lura mingħand is-soċjetà konvenuta permezz ta' dawn il-proċeduri.

»Anthony Briffa għan-nom tal-attriċi jikkontendi li ż-żewġt ifran li xtara mingħand is-soċjetà konvenuta huma milquta minn difett li ma jidhirx illi jirrendihom mhux tajba għall-użu li għalih inxtraw u dan billi l-pizza li kienet tissajjar fihom ma kinitx toħroġ tajba fis-sens illi jew tibqa' nejja jew tinħaraq, u ġieli wkoll l-istess pizza tkun nofsha nejja u nofsha maħruqa. Fir-rikors promotur is-soċjetà attriċi tgħid li l-fatt illi dawn l-ifran kienu kolpiti b'difett moħbi kien konfermat ukoll minn pizzar internazzjonali li huwa espert f'dan il-qasam. Mill-provi rriżulta li dan l-espert kien Giovanni Melis, li huwa konsulent mad-ditta *Italforni*. Anthony Briffa jispjega li Anthony Pace kien mar fl-istabbiliment *West End* kemm-il darba sabiex jara x'inhi l-problema, imma li, minkejja diversi interventi, din baqgħet ma ssolvitx. Iżid jgħid illi, waqt li kien qiegħed Malta l-konsulent Giovanni Melis, l-ifran xorta waħda ma kinux qegħdin jaħdmu kif suppost billi mhux kull pizza li kien qiegħed jipprova jsajjar dan il-konsulent kienet qiegħda toħroġ tajba. Sabiex jirribatti l-allegazzjoni li t-taħlita tal-għaġina kienet ħażina, Anthony Briffa jgħid illi darba minnhom kien sajjar pizza fil-forn ta' *restaurant* ta' ħabib tiegħu u din ħarġet imsajra kif suppost. Briffa jsostni li wara li telaq Melis minn Malta baqgħu bl-istess problemi fl-ifran tant illi kellhom jinbidlu fi fran ġodda ta' ditta differenti. Isostni li dawn l-ifran ġodda ma kinux jagħtu l-istess problemi.

»L-attriċi ressqet bħala xhieda diversi *ex*-impjegati tagħha li kienu jaħdmu fir-*restaurant* in kwistjoni li kkonfermaw illi l-pizza ma kinitx qiegħda ssir tajjeb għaliex jew toħroġ nejja jew maħruqa. Żiedu jgħidu

wkoll illi l-problema baqgħet tippersisti waqt u anke wara li telaq minn Malta l-konsulent Giovanni Melis.

»Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tiċħad illi dawn l-ifran huma milquta minn xi difett li ma jidhirx. Anthony Pace jispjega li Briffa kien interessat fi fran tat-tip *tunnel stone*. Huwa jgħid illi s-soċjetà li jirrappreżenta bigħet tnejn oħra minn dawn it-tip ta' fran hawn Malta imma, wara li bigħet l-ifran in kwistjoni lis-soċjetà attriċi, ma bigħetx aktar minnhom. Pace jispjega li kien ħa lil Briffa ġewwa ż-żewġ *restaurants* l-oħra li kienu jsajru permezz ta' dawn it-tip ta' fran sabiex jurih kif jaħdmu u li Briffa tant kien sodisfatt li ried jixtri fran bħalhom.

»Is-soċjetà konvenuta tikkontendi li kienu l-impjegati tas-soċjetà attriċi li ma kinux jafu kif iħaddmuhom u li kien għalhekk illi l-pizza ma kinitx qiegħda ssir sew. Dwar il-konsulent Giovanni Melis, is-soċjetà konvenuta tgħid illi mhux talli ma sab l-ebda difett fl-ifran in kwistjoni, imma talli ħejja rapport dwar l-ispezzjoni li għamel fl-istabbiliment tas-soċjetà attriċi fejn spjega x'kienu d-diversi nuqqasijiet tal-impjegati fit-tħaddim ta' dawn il-fran kif ukoll fl-ambjent fejn kienu qegħdin jitħaddmu l-fran, liema ċirkostanzi, skont dan il-konsulent, kienu l-kawża tal-fatt illi l-pizza li kienu jsajru fihom l-impjegati ta' *West End* ma kinitx qiegħda ssir sew. Kopja ta' dan ir-rapport ġie anness mar-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta.

»Peress illi s-soċjetà attriċi rrifjutat li tħallas il-bilanċ rimanenti għall-akkwist ta' dawn l-ifran, is-soċjetà konvenuta ressqet kontrotalba li permezz tagħha qiegħda titlob lill-qorti tikkundanna lill-attriċi tħallas il-bilanċ rimanenti ta' €13,275.06. Is-soċjetà attriċi wieġbet għal din il-kontrotalba billi qalet illi l-ammont reklamat mhuwiex dovut u li, *oltre* minn hekk, is-soċjetà konvenuta għandha tirrifondi l-ammont imħallas in kwantu li l-fran huma milquta minn difett li ma jidhirx.

»… … …

»Fir-rapport tiegħu anness mar-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta, il-konsulent Giovanni Melis jispjega r-raġunijiet għalfejn, skont hu, l-ifran in kwistjoni ma kinux qegħdin jagħtu r-riżultat mixtieq. Huwa jibda billi jispjega li d-dqiq li kien qiegħed jintuża ma kienx tajjeb għall-għaġina tal-pizza u li l-ammont ta' żejt li kien qiegħed jintuża kien sitt darbiet aktar minn dak rakkomandat. Dan, skont hu, ifisser li l-għaġina ma ssirx b'mod uniformi. Huwa jikkumenta wkoll dwar dak li qalulu l-impjegati stess dwar l-ammont ta' ħmira li kienet qiegħda tintuża u li dan ukoll kellu impatt negattiv fuq it-tisjir tal-għaġina. Jgħid li r-riċetta kienet aktar tixxiebah ma' għaġina tal-ħobż milli ma' għaġina tal-pizza.

»Fir-rigward tal-mod kif kienu jaħdmu l-impjegati, Melis jispjega li huwa osserva li impjegati differenti kienu qegħdin jużaw metodi differenti sabiex jiftħu l-għaġina tal-pizza fis-sens illi kien hemm min qiegħed juża idejh waqt li kien hemm min qiegħed juża għodda apposta u allura dan ifisser illi ż-żewġ metodi differenti kienu ser iwasslu għal riżultati differenti.

»Melis jgħid illi sab ukoll li t-temperatura tal-ifran ma kinitx adegwata għat-tisjir tal-pizza. Iżid jgħid li l-pizza ma kinitx qiegħda titqiegħed tajjeb fil-forn u li dan il-fattur ukoll kien qiegħed jikkontribwixxi għall-fatt illi l-pizza ma ssirx indaqs minn kullimkien.

»Fir-rigward tal-mod kif kienu posizzjonati l-ifran fil-kċina, Melis sab illi kienu soġġetti għal kurrent tal-arja kull darba li jinfetaħ il-bieb jew it-twieqi tal-kċina bir-riżultat li l-ifran kienu qed ikunu soġġetti għall-arja kiesħa li tirriduċi t-temperatura tagħhom u t-tisjir tal-għaġina li tkun fihom. Huwa nnota wkoll li l-ifran kienu taħt *extractor* li xogħlu huwa li jiġbed l-arja. Dan ukoll kien qiegħed jikkontribwixxi għal varjazzjoni fit-temperatura tal-fran.

»Il-konklużjoni ta' dan il-konsulent kienet illi l-impjegati għandhom jingħataw taħriġ aħjar, kif ukoll li għandha ssir purtiera fil-bieb tal-kċina sabiex timminimizza l-effett tal-arja kiesħa li tidħol minn barra.

»Giovanni Melis xehed *viva voce* quddiem l-assistent ġudizzjaru fil-mori ta' dawn il-proċeduri fejn ikkonferma dak kollu li qal fir-rapport tiegħu. Ix-xhud żied jgħid illi ma sab l-ebda difett fl-ifran tant li fl-aħħar ġurnata tiegħu fl-istabbiliment tas-soċjetà attriċi huwa kien sajjar pizza f'wieħed minnhom u li din kienet ħarġet tajba. Għalih il-problema kienet diffiċli li tissolva minħabba d-diffikultajiet kollha msemmija minnu.

»Din il-qorti, wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti, issib illi hija moralment konvinta li l-fran in kwistjoni ma kienu milquta minn ebda difett moħbi imma li l-problema kienet ikkawżata min-nuqqas ta' taħriġ tal-impjegati tas-soċjetà attriċi dwar kif jaħdmu dawn il-fran, ir-riċetta tal-għaġina użata kif ukoll l-ambjent illi fih kienu jitħadmu l-imsemmija fran.

»Mill-provi rriżulta li mhux talli Anthony Briffa ma kellu l-ebda esperjenza dwar kif jaħdmu dawn il-fran, talli huwa lanqas kien esperjenzat fil-qasam tal-*catering* b'dan illi qabel ma fetaħ dan ir-*restaurant* huwa kellu negozju f'qasam kompletament differenti. L-istess jista' jingħad għar-*restaurant manager* inkarigat minnu li jispjega li l-uniku taħriġ li rċieva dwar it-tħaddim ta' dawn l-ifran kien billi qara l-materjal promozzjonali li kellu għad-disposizzjoni tiegħu u ra xi *videos online*. Briffa jgħid illi kien mar l-Italja sabiex jitħarreġ dwar il-pizza. Madanakollu ma jirriżultax li ngħata taħriġ dwar dan it-tip ta' forn. Huwa żied jgħid li, f'wieħed mir-*restaurants* li kien ħadu Pace qabel xtara l-fran in kwistjoni, huwa kien ra li l-impjegati kien qiegħed ikollhom l-istess problema. Madanakollu, b'daqshekk ma jfissirx illi l-ifran tiegħu kienu milquta minn difett. Pjuttost din hija indikazzjoni ċara li dan it-tip ta' forn jeħtieġ li jitħaddem minn persuni mħarrġa speċifikament fl-użu tiegħu.

»Minkejja li jidher li wħud mill-impjegati kienu esperjenzati fis-settur, kollha jammettu li qatt ma ħadmu fuq dan it-tip ta' forn. Briffa jikkonferma li lill-impjegati tiegħu ma tahom l-ebda tahriġ dwar kif jaħdmu dawn il-fran. Lanqas ma tressqu bħala xhieda l-pizzara li allegatament kienu impjegati fl-istabbiliment *de quo*.

»B'żieda ma dan kollu, din il-qorti ssibha inverosimili fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi kienu ż-żewġt ifran li kienu milquta minn difett. Is-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda prova teknika dwar l-allegat d-difett moħbi fl-oġġetti mixtrija. L-espert tekniku li ssir referenza għalih fir-rikors promotur mhux talli ma sab l-ebda difett, talli jispjega kif il-problema kienet riżultat ta' diversi fatturi differenti fil-metodu ta' tisjir u fl-ambjent tal-kċina.

»Kif tajjeb jgħid Anthony Pace, huwa inutli li Briffa jinsisti li r-riċetta tal-għaġina kienet tajba għaliex meta pprova jsajjar waħda fil-forn ta' sieħbu l-għaġina ħarġet tajba. Il-forn li ntuża għal dan l-esperiment ma kienx jaħdem bl-istess mod li bih jaħdmu l-fran mertu ta' din il-kawża u allura ma jiswa xejn li dik id-darba l-pizza ħarġet tajba.

»Fil-fehma tal-qorti, il-problemi baqgħu jippersistu wara l-ispezzjoni tal-konsulent Giovanni Melis proprju għaliex is-soċjetà attriċi ma implimentat l-ebda suġġeriment tiegħu, b'dan illi naturalment il-fran ma setgħux jipproduċu prodott finali tajjeb għar-raġunijiet spjegati tant tajjeb mill-imsemmi konsulent.

»In kwantu li din il-qorti qiegħda ssib illi l-ifran in kwistjoni ma kienu milquta minn l-ebda difett moħbi, isegwi għalhekk illi ma hemm l-ebda raġuni għalfejn it-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta ma għandhomx jiġu milqugħa.«

6. L-attriċi appellat b'rikors tas-17 ta' Lulju 2017 li għalih il-konvenuta wieġbet fl-14 t'Awissu 2017. L-aggravji huma msejsa fuq allegazzjoni ta' (i) "nuqqas ta' imparzjalità u kredibilità tal-konsulent Giovanni Melis" u ta' (ii) "nuqqas ta' kunsiderazzjoni adegwata għax-xhieda" mressqa mill-attriċi.

7. L-ewwel aggravju ġie mfisser hekk:

»id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li ma kien jeżisti ebda difett latenti fil-fran in diżamina kienet immotivata prinċiparjarnent fuq ix-xiehda u r-rapport tal-konsulent Giovanni Melis … … …

»Fl-ewwel lok l-esponenti tissottometti li l-konsulent Melis m'huwiex kwalifikat fil-materja ta' din il-kawża, u dan peress li l-kwalifiċi tiegħu huma ta' *biologo,* kif spjega hu stess fix-xiehda tiegħu datata 25 ta' Ġunju 2015. Għaldaqstant hu ma jippossjedi ebda kwalifiċi jew ċertiflkati bħala tekniku fil-fran tal-pizza, u konsegwentament ir-rapport u x-xiehda tiegħu dwar id-difetti *o meno* tal-imsemmija fran kellhom jiġu kkunsidrati b'ċertu kawtela.

»*Inoltre* x-xiehda tal-konsulent Melis ma kellhiex tiġi adottata mill-ewwel qorti mingħajr ebda riżervi, u dan peress li l-konsulent Melis mhuwiex espert indipendenti, *stante* li huwa impjegat mal-kumpanija *Italforni* u senjatament il-kumpannija li timmanifattura u tipproduċi l-fran mertu ta' dan l-appell. Għaldaqstant l-istess xhud kellu kull interess li jipprova jipproteġi r-reputazzjoni u l-kwalità tal-fran in kwistjoni, anki jekk dan isir a skapitu tal-esponenti.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra numru konsiderevoli ta' inkonsistenzi fix-xiehda tal-konsulent Melis, u prinċiparjament is-segwenti:-

»i. illi fix-xiehda tiegħu datata 24 ta' Ġunju 2015, Melis ippreżenta dokument li jindika t-temperaturi idonei li

kellhom jintużaw fil-fran in diżamina. Madanakollu, il-pizza ma tissemma mkien f'dan il-manwal, u fil-fatt it-tip ta' ikel li jissemma huwa *carne, pesce, pasta, verdure, ripieni, uova* u *dessert*;

»ii. illi meta ġie mistoqsi jekk għandux dokumentazzjoni relatata mal-pizza, jew jekk qattx ra tali dokumentazzjoni, Melis wieġeb fin-negattiv;

»iii. illi fl-istess xiehda tiegħu Melis saħaq li t-temperatura tan-naħa ta' fuq tal-forn trid tkun programmata 380°, filwaqt li dik ta' isfel trid tkun 360°, u dan minkejja li fil-manwal ipprezentat minnu stess it-temperatura idonea ta' isfel tal-forn ('*conduz.*') hija konsistentament indikata bħala ogħla minn dik ta' fuq tal-forn ('*iragg.*');

»Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha fid-dawl tax-xiehda tal-impjegati u *ex*-impjegati tal-esponenti, jidher ċar li l-konsulent Taljan ma kellux l-esperjenza neċessarja fejn tidħol it-teknika ta' dawn il-fran, u *inoltre* l-opinjoni tiegħu qatt ma setgħet tkun waħda imparzjali. Għaldaqstant kien jispetta lill-ewwel qorti li tadotta ċertu kawtela u ma tibbażax ld-deċiżjoni tagħha unikament jew prinċiparjament fuq tali xiehda.«

8. Bla ħsara għal dak li sejjer jingħad aktar 'il quddiem dwar it-tieni aggravu, il-qorti ma tarax illi t-tentativ tal-attriċi li tiskredita l-kwalifiki professjonali ta' Giovanni Melis jista' jirnexxi.

9. Għandu jingħad qabel xejn illi fil-premessi għat-talbiet tagħha fir-rikors maħluf l-attriċi tgħid illi "fi Frar [tal-2013], l-esponenti ġabet pizzar internazzjonali li huwa espert fil-qasam tiegħu u li kkonferma li l-fran huma kolpiti minn difetti latenti". Din il-"pizzar internazzjonali" kien Giovanni Melis stess, li l-attriċi qisitu "espert fil-qasam tiegħu" meta ħasbet illi kien qiegħed jaqbel magħha li l-ifran kellhom id-difetti u issa li r-rapport tiegħu qiegħed igħid l-oppost sar "mhux kwalifikat fil-materja" u xhud mhux indipendenti. Fil-fatt ma hu minnu xejn illi Melis "m'huwiex kwalifikat fil-materja ta' din il-kawża". Kif jixhed il-*curriculum vitæ* tiegħu[1] għandu

[1] *Foll.* 219 *et seq.*

esperjenza fil-qasam u wkoll imexxi "*percorsi formativi indirizzati ad allievi con finalità di pizzeria  e paste lievitate*" fi ħdan *Istituti Alberghieri Italia*.

10. L-attriċi tfittex li turi kemm fil-fatt Melis ma jifhimx meta tgħid illi "fil-manwal ippreżentat minnu stess it-temperatura idonea ta' isfel tal-forn ('*conduz*.') hija konsistentament indikata bħala ogħla minn dik ta' fuq tal-forn ('*iragg*.')" waqt li Melis xehed bil-maqlub:

> »Quando ho visto i forni, ho notato che la temperature del cielo e della platea erano regolati male, nel senso che erano regolati in modo contrario. La temperature del cielo era 360° e della platea era 380°. Devono essere in modo inverso perché la pizza la appoggi sulla platea, e devi alzare la temperature del cielo perche è piu in lontano.«

11. It-termini "*conduz.*" u *"irragg.*" għandhom x'jaqsmu mal-mod (*radiation*, *conduction* jew *convection*) kif is-sħana tgħaddi minn ħaġa (il-forn) għal ħaġa oħra (il-pizza): *conduz[ione]* tisser trasferiment tas-sħana b'kuntatt dirett, f'dan il-każ mal-parti ta' isfel tal-forn, waqt li *irragg[iamento]* tfisser trasferiment tas-sħana b'radjazzjoni (*radiation*) ġejja mill-element fil-parti ta' fuq tal-forn. L-attriċi ħadet it-temperaturi li ssemmi fir-rikors tal-appell mid-dokument li hemm esebit *a fol*. 222 li, iżda, kif wara kollox tgħid hi stess fir-rikors, ma humiex relativi għal pizza iżda għal "*carne, pesce, pasta, verdure, ripieni, uova* u *dessert*".

12. Dak li xehed dwar temperaturi għall-pizza, għalhekk, ma jirriflettix ħażin fuq il-kompetenza ta' Melis.

13. L-attriċi tgħid ukoll illi Melis ma "għandux dokumentazzjoni relatata mal-pizza", *i.e.* ma kellux dokument li juri t-temperatura meħtieġa għal pizza bħal ma kellu għal "*carne, pesce, pasta, verdure, ripieni, uova* u *dessert*". Iżda l-fatt li ma kellux dan id-dokument dwar il-pizza iżda kellu ieħor –

imħejji minnu stess – maħsub bħala gwida għal min juża l-forn għal prodotti oħra ma jfissirx illi Melis ma jifhimx dwar pizza, kif trid tgħid l-attriċi.

14. Il-qorti hija tal-fehma għalhekk illi ma hemm xejn f'dan l-aggravju illi jista' jwassalha biex twarrab il-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti.

15. Mhux l-istess jingħad dwar it-tieni aggravju, li jgħid hekk:

> »Fis-sentenza tagħha l-ewwel onorabbli qorti kkonkludiet li "hija moralment konvinta li l-fran in kwistjoni ma kienu milquta minn ebda difett moħbi imma li l-problema kienet ikkawżata min-nuqqas ta' taħriġ tal-impjegati tas-soċjetà attriċi dwar kif jaħdmu dawn il-fran, ir-riċetta tal-għaġina użata kif ukoll l-ambjent illi fih kienu jitħadmu l-imsemmija fran".
>
> »L-ewwel qorti sostniet ukoll li "l-problemi baqgħu jippersistu wara l-ispezzjoni tal-konsulent Giovanni Melis proprju għaliex is-soċjetà attriċi ma implimentat l-ebda suġġeriment tiegħu, b'dan illi naturalment il-fran ma setgħux jipproduċu prodott finali tajjeb għar-raġunijiet spjegati tant tajjeb mill-imsemmi konsulent".
>
> »… … … il-paragrafi preċitati juru nuqqas ta' kunsIderazzjoni adegwata għall-provi u x-xhieda miġjuba mill-esponenti, liema provi qegħdin jigu brevement elenkati hawn taħt:-
>
> »i. l-ewwel qorti naqset milli tagħti piż lill-fatt li Anthony Pace, ir-rappreżentant tal-intimata, kien serraħ moħħ l-esponenti li l-fran li kien ser jixtri kienu kapaċi jsajjru kull tip ta' għaġina. Dan ġie kkonfermat ukoll minn Anthony Pace waqt ix-xiehda tiegħu tat-18 ta' Jannar 2017: "B'dawn il-fran tista' ssajjar kollox. It-taħlita ta' pizza normali tista' ssir fil-forn". Kien biss wara li bdew il-problemi li Pace, u iżjed tard Melis, bdew iwaħħlu fir-riċetta użata sabiex jeżimu ruħhom mir-responsabbiltà u jiftgħu l-ħtija fuq l-esponenti;
>
> »ii. l-ewwel qorti injorat ix-xiehda ta' numru ta' impjegati tal-esponenti, li kollha kienu konsistenti meta qalu li l-problema baqgħet tippersisti anki wara ż-żjara tal-konsulent Taljan, u *inoltre* kollha kkonfermaw li l-pizza ħarġet maħruqa anke meta din ġiet imsajra minn Melis innfisu. Di fatti, fix-xiehda tiegħu datata 21 ta' Mejju 2014, André Bonnici (*ex chef de partie* tar-*restaurant West End*), b'referenza għall-konsulent Melis, ikkummenta: "Naf li kien ipprova diversi drabi u kellu diversi problemi wkoll. Fil-fatt aħna konna ċċajtajna bejnietna li ma rnexxilniex naħarqu daqs kemm ħaraq hu";
>
> »iii. *inoltre* fix-xiehda tiegħu datata 28 ta' Ottubru 2015 Anthony Briffa in rappreżentanza tal-esponenti xehed li "l-*extractor* jiena kont tfejtu", u għaldaqstant in-nuqqasijiet

tal-fran in diżamina ċertament ma kinux ikkaġunati mill-ambjent li kienu fih, kif ġie *in parte* insinwat mill-konsulent Melis u msemmi mill-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza tagħha:

»iv. *di più* s-soċjetà intimata ippruvat diversi drabi tikkonvinċi lill-qorti li l-esponenti ma kellha ebda esperjenza fis-settur tal-*pizzerie*, u li l-impjegati tagħha kienu mħarrġa fl-*ITS* fejn gie allegat li ma jingħatax taħriġ dwar it-tisjir tal-pizez (*vide* l-*affidavit* ta' Anthony Pace, maħluf fl-4 ta' Frar 2015, u x-xiehda tal-istess Pace datat 4 ta' Frar 2015). F'paġna 13 tas-sentenza tagħha, l-ewwel qorti kkummentat ukoll fuq in-nuqqas ta' esperjenza li kellu Anthony Briffa meta fetaħ ir-*restaurant West End*, iżda naqset milli tapprezza l-fatt li l-persuni inkarigati mill-esponenti kienu kollha ħaddiema b'diversi snin ta' esperjenza fis-settur, u injorat ukoll ix-xiehda ta' André Bonnici datata 12 t' April 2016, fejn ikkonferma li: "Fl-*ITS* tistudja fuq kollox, inkluż fuq il-pizza";

»v. *inoltre* l-ewwel qorti kienet kompletament żbaljata meta kkonkludiet li s-soċjetà attriċi ma implimentat ebda suġ-ġeriment li kien għamel Melis. Di fatti, fix-xiehda tiegħu tat-24 ta' Ġunju 2015 ikkummenta li l-i*staff* ta' *West End* kien ħerqan li jitgħallem: "*Mi è stata impressa una cosa, che il personale con cui ho parlato erano assetati di cultura, che erano molto interessati a capire di più, non solo al riguardo al forno, ma di più. Il personale hanno preso appunti per l'impasto e per particolarità*";

»vi. tajjeb li wieħed jagħmel referenza għax-xiehda ta' Alain Grech datata 21 ta' Mejju 2014, fejn l-*ex-head chef* ta' *West End Ltd* iddeskriva ben tajjeb id-diversi tentativi li kienu saru kemm minn Anthony Pace kif ukoll minn Giovanni Melis sabiex jidentifikaw ir-raġuni għala l-pizez ma kinux qed jissajru kif suppost fil-fran in diżamina:- "Jiena kont inkun hemmhekk dejjem għax jiena kważi kuljum kont naħdem. Fil-bidu kien igħidilna li forsi kien ikun hemm problema bl-għaġina u aħna ppruvajna b'diversi tipi ta' għaġina però ma wasalna mkien. Sussegwentement kien jiġi Twanny minn tal-kumpannija li nxtraw il-pizez [recte, il-fran] mingħandha u l-persuna li qiegħed fl-awla llum u kien issuġġerixxa li ħa jġib persuna Taljana. Nispjega illi qabel wasalna s'hawn kien waħħal żewġ attrezzi mal-fron biex bl-intenzjoni li forsi jżommu iktar sħana però ma kienx hemm progress. Din il-persuna Taljana kien jismu Giovanni Melis. Kien rappreżentant tal-kumpannija li tagħmel dawn it-tip ta' fran. Kien issuġġer-ixxa li nagħmlu l-għaġina kif jagħmilha hu għaliex magħmula apposta għal dawn il-fran. Konna għamilna t-taħlita tal-għaġina kif ried hu dejjem miegħu. L-għaġina tiegħu kien hemm sistema li tħalliha millum għal għada toqgħod. L-għada kien magħna u bdejna nsajru u bdejna bil-problemi. Huwa għamel xi aġġustamenti kemm fl-i*speed* tal-*conveyor belt* kif ukoll fit-temperaturi. Wara dawn il-modifikazzjonijiet, kien hemm improvement żgħir

> però ma konniex sodisfatti. Hu kien għadu hawnhekk. Sakemm wasal fl-aħħar ġurnata meta wasal biex jitlaq reġgħu bdew il-problemi kollha. Il-fran kellhom jitneħħew u ġibna fran oħra. Bil-fran il-ġodda ma sibna ebda problemi. Nispjega illi t-taħlita tal-għaġina li kelna aħna qabel ippruvajniha fuq forn ieħor għand terzi persuni u ħadmet perfetta.

»Ix-xiehda kollha mressqa mill-esponenti turi bl-iżjed mod ċar li l-fran mixtrija minnha kienu kolpiti b'difetti latenti, u li kemm is-soċjetà intimata kif ukoll il-konsulent Giovanni Melis għamlu diversi tentativi sabiex jidentifikaw tali difetti, u kien biss meta ma rnexxilhomx isolvu l-problema li ppruvaw jitfgħu l-ħtija kollha fuq l-esponenti, u dan sabiex jeżimu ruħhom minn kwalunkwe responsabbiltà.«

16. Jingħad qabel xejn illi ma kienx imiss lill-konvenuta li tressaq xiehda li l-ifran kienu tajba u bla difetti, iżda kien imiss lill-attriċi li turi li kellhom id-difetti moħbija li tgħid li kellhom. Ukoll likieku x-xiehda ta' Giovanni Melis ma kinitx ta' min joqgħod fuqha għax ma jifhimx fil-materja, xorta kien ikun fuq l-attriċi l-*onus probandi* tal-eżistenza tad-difetti fil-waqt tal-bejgħ. Għandu jingħad ukoll illi mhux biżżejjed illi x-xiehda turi biss illi l-pizza kienet toħroġ mill-forn jew nejja jew maħruqa; din ma hijiex neċessarja-ment prova li l-ifran kienu ħżiena, għax tista' tkun ukoll prova illi min kien iħaddem il-forn ma kienx jaf iħaddmu sew.

17. Għandu jingħad ukoll iżda illi l-materjal pubbliċitarju ifaħħar il-fran għal "*semplicità d'uso, cottura perfetta a consumi ridottissimi ne permettono l'utilizzo anche da personale non specializzato*". Melis ukoll xehed illi "*richiedono il 20% di professionalità di forni di legno o elettricità*": fi kliem ieħor, ma hemmx għalfejn tkun professur tal-pizzoloġija biex tista' tip-produċi pizza tajba b'dawn il-fran. Relevanti wkoll il-kumment ta' Melis illi "*il personale con cui ho parlato erano assetati di cultura, che erano molto interessati a capire di più, non solo al riguardo al forno, ma di più. Il personale hanno preso appunti per l'impasto e per particolarità*": fi kliem

ieħor, il-ħaddiema tal-attriċi ma kinux persuni b'rashom iebsa li minkejja kollox baqgħu jużaw il-metodi ta' qabel, iżda kienu ħerqana biex jitgħallmu u jibdlu fejn hemm bżonn; ma tistax tintefa' l-ħtija fuq nuqqas ta' professjonalità tagħhom.

18. Lanqas ma jidher li hu minnu dak li qalet l-ewwel qorti illi "s-soċjetà attriċi ma implimentat l-ebda suġġeriment" ta' Melis: bidlu t-temperatura tal-forn kif issuġġerixxa Melis, bidlu t-taħlita tal-għaġina, bidlu l-veloċità tal-*conveyor belt* [2], tfew l-*extractor fan* biex ma jkunx hemm kurrenti ta' arja li jaffettwaw it-temperatura[3], iżda s-sitwazzjoni baqgħet l-istess. Ukoll meta l-pizza sajjarha Melis, bl-għaġina tiegħu, bil-kompetenza professjonali tiegħu u bil-familjarità tiegħu mal-fran, xorta r-riżultat ma kienx tajjeb[4]. Dan kollu jindika illi l-problemi ma kinux sempliċement problemi inizjali ta' assestament, sakemm jindara s-sistema u jiġu eliminati *teething problems*; kienu aktar radikali minn hekk.

19. Dan iwassal lill-qorti għall-konklużjoni illi tassew illi d-difett kien fil-fran, illi kien jeżisti fil-waqt tal-bejgħ u illi kien hekk gravi illi l-fran għamilhom mhux tajba għall-użu li għalih kienu maħsuba, *viz.* illi konsistentement jipproduċu pizza tajba biex tittiekel. It-tieni aggravju u, konsegwentement l-appell, tal-attriċi sejjer jintlaqa'.

20. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza appellata: tiċħad il-kontro-talbiet tas-soċjetà konvenuta u tilqa' t-talbiet tal-attriċi: tgħid illi l-fran mibjugħa lill-attriċi mill-konvenuta kellhom fil-waqt tal-bejgħ difetti

---

2 Ara x-xiehda ta' Ibrahim Hesham, *foll.* 45 *et seq*. u ta' Alain Grech, *foll.* 47 *et seq.*

3 Ara x-xiehda ta' Anthony Briffa, *foll.* 227 *et seq.*

4 Ara x-xiehda ta' Anthony Briffa, *foll.* 36 *et seq* u ta' Alain Grech, *foll.* 47 *et seq.*

hekk gravi illi għamluhom mhux tajba għall-użu li għalih kienu maħsuba; tħassar il-bejgħ u tikkundanna lill-konvenuta trodd lill-attriċi s-somma ta' tlittax-il elf euro (€13,000) mħallsa akkont tal-prezz, u tikkundannaha wkoll tħallas l-imgħaxijiet kummerċjali minn dakinhar li rċeviet il-ħlas mingħand l-attriċi sa dakinhar li trodd dak li tħallset.

21. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, tħallashom is-soċjetà konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm